MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Numru. 166/2007

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
ANTHONY CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Camilleri, ta’ 37 sena, bin Ronald u Georgina nee’ Farrugia, imwieled Toronto Canada fil-21 t’Ottubru 1969 u residenti f’Numru 22, Triq Betta, Tarxien, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 8899(M), u akkuzat talli fl-10 ta’ Dicembru 2006 ghal habta tas-2.15pm, gewwa l-Games Room li tinsab go Bay Street, Triq Santu Wistin, San Giljan, b’eghmil zieni, ikkorrompa persuna, cioe’ dik ta’ *omissis*, li ma ghalqitx l-eta’ ta’ tnax-il sena, liema delitt sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, mill-missier jew l-omm adottivi, mir-ragel jew mill-mara, jew mit-tutur tal-persuna minuri, inkella minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, kien gie fdat il-minuri sabiex jiehu

hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 203, 204(a)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess persuna, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 4).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat in-nomina tal-Psikologa Roberta Holland u r-relazzjoni minnha mahlufa.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kaz in ezami, l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti, u cioe' li kkorrompa b'eghmil zieni, tifla ta' *omissis* snin, certu *omissis*, gewwa l-Games Room ta' Bay Street, Triq Santu Wistin, San Glijan. Din il-korruzzjoni ta' minorenni twettqet mill-imputat li kien impjegat mal-Hard Rock Café meta kien iwettaq parti mix-xoghol tieghu u cioe' illi jiehu hsieb il-Games Room ta' l-istess stabbiliment (u din il-korruzzjoni sehhet billi l-imputat stieden lit-tifla sabiex tirkeb mutur li jistimula s-sewqan u tilghab loghba mieghu):

**'Jien rajt tifla zghira tilghab il-mutur, jien mort hdejha u qedtilha biex tigi tilghab loghba tal-muturi mieghi.**

**Nispjega li din il-loghba trid titfa' 25 cents u int trid issuq il-mutur waqt li tkun qed thares lejn screen quddiemek. Din it-tifla she came on the mutur and started driving. Jien qadt wieqaf warajha, then I touched her bum only and she left.' (ara l-istqarrija ta' l-imputat dokument CE a fol 8).**

Mistoqsi jekk kienx veru li dahhal idejh minn taht il-qalziet ta' taht tal-minuri, u li messha fuq il-laham, l-imputat stqarr:

**'Imma mhux kollha dahhaltha jdejja, ippruvajt immissilha sorma imma ftit lahqet dahlet idi.' (ibid a fol 8).**

L-imputat, fl-istess stqarrija, deherlu li din it-tifla kellha madwar *omissis* snin.

Illi l-imputat ammetta ghall-korruzzjoni ta' minorenni ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap 9, b'zewg aggravi, u cioe' dik ta' l-eta' tenera, cioe' l-eta' taht it-tnax-il sena, u l-aggravju tal-persuna li lilu jkunu fdati t-tfal, anke jekk ghal zmien qasir. Dan ir-reat igorr piena ta' minimu ta' tlett snin sa massimu ta' sitt snin prigunerija.

Infatti, l-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*203(1):*
*'Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:*
*izda l-piena ta' dan id-delitt tkun ta' prigunerija* ***minn tlett snin sa sitt snin,*** *bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;*
*(b) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;*
*(c) jekk id-delitt isir minn axxendenti, mid-demm jew miz-zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottiv, jew minn tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk*

*ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah, jew izommu.'*

Illi in oltre, l-imputat ammetta l-akkuzi ta' attentat vjolenti fuq il-pudur, u l-akkuza li offenda l-pudur jew il-morali f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku.

Illi ghar-rigward ta' piena, din il-Qorti qieset il-fatti speci tal-kaz, il-fatt li l-eghmil zieni kien momentanju u mhux wiehed mill-atti di libidini aktar gravi, l-eta' tat-tifla, il-post pubbliku per se li huwa post illi jattira t-tfal u z-zaghzagh, il-fedina penali netta ta' l-imputat, u l-fatt illi huwa ta' ntelligenza sotto l-medja.

Il-Qorti ezaminat, in oltre, ir-relazzjoni dettaljata u komprensiva tal-Psikologa Roberta Holland u hasbet fit-tul fuq il-piena rakkomandata minnha.

Illi minkejja r-rakkomandazzjoni illi l-imputat jibqa' fil-komunita' albeit taht sorveljanza, din il-Qorti wara li wiznet il-fatti speci kollha tal-kaz, ma tista' bl-ebda mod takkolji tali rakkomandazzjonijiet. Dan qieghed jinghad anke in vista ta' l-istess rizultanzi tal-Psikologa Holland, fejn sabet illi l-imputat jirrumina fuq bniet ta' taht it-tnax-il sena, u jsib konfort ma' nies ta' eta' zghira minhabba l-'inadequacies' fil-karattru u personalita' tieghu, liema nuqqasijiet fil-personalitajiet jew 'inadequacies', jaghmluha difficli ghall-imputat biex ikollu relazzjoni matura ma' nies ta' mparu.

Illi di piu, il-Qorti ma tistax takkolji r-rakkomandazzjoni dwar il-piena suggerita jew rakkomandata mill-Psikologa Holland ghaliex il-piena stabbilita mill-ligi ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravat, huwa **prigunerija minima ta' tlett snin, u ghaldaqstant, il-ligi ma tippermettix li l-Qorti tapplika piena ta' prigunerija sospiza.**

Illi in oltre, il-gravita' tal-kaz, u cioe' l-abbuz sesswali fuq tifla ta' sitt snin f'Games Room (cioe' f'post li kull genitur jemmen u jippretendi certu wens u sigurta'), abbuz illi sehh fid-dawl tax-xemx u cioe' fis-saghtejn ta' wara nofsinhar, certament ma jimmeritax piena alternattiva taht

il-Probation Act. Di piu', din il-Qorti ma gietx ipprezentata b'ebda cirkostanzi specjali jew straordinarji li tippermettilha skond il-ligi tikkunsidra piena aktar baxxa minn dik dettata mill-ligi.

Illi ghal dawn il-motivi, u fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena tat-tieni u t-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikoli 203(1)(a)(c), 207 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal tlett snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------